MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 946/2014

**Maria Stella *sive* Marisa Xerri Demanuele (K.I. 0536360(M))**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Maria Stella sive Marisa Xerri Demanuele detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 0536360(M) datat 29 ta’ Ottubru 2014 fejn esponiet: -

Illi kif premess fl-Att tat-Twelid taghha l-esponenti inghatat l-isem "Maria Stella" bhala l-isem li bih kellha tissejjah, izda, ilha hajjitha kollha tuza l-isem "Marisa" bhala l-isem li bih tigi msejha u hija maghrufa u konsistentament imsejha u maghrufa bhala "Marisa" anke mill-familja taghha, kif ukoll minn qrabatha, hbiebha, konoxxenzi u kollegi taghha;

Illi l-esponenti ghandha l-interess li l-Att tat-Twelid taghha kif ukoll l-Atti l-ohrajn kollha hawn fuq imsemmija jkunu jirriflettu l-isem li hi u l-familja taghha konsistentament juzaw bhala l-isem li bih tissejjah u hi maghrufa minflok l-isem Ii inghatat fuq dawk l-Atti;

Illi ghalhekk l-esponenti istitwiet din il-procedura sabiex l-isem "Marisa" jigi registrat fuq l-Att tat-Twelid taghha minflok l-isem "Maria Stella" li jidher annotat fil-kolonna intestata "lsem il-Wild", u dana *a tenur* tal-Artikolu 253(2) tal- Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant jghid ghalhekk l-intimat ghaliex din l-Onor. Qorti m'ghandhiex -

1 Tiddikjara u tiddeciedi illi l-esponenti hija konsistentament imsejha u maghrufa bhala "Marisa" u mhux bhala "Maria Stella";

2. Tordna illi l-isem "Marisa" jigi registrat fuq l-Att tat-Twelid tal-esponenti li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 5363/1960 minflok l-isem "Maria Stella" b'dana illi l-imsemmi Att jigi emendat fis-sens li fil-kolonna intestata "lsem il-Wild" jitnizzel l-isem "Marisa" minflok "Maria Stella";

3. Tordna illi l-Atti l-ohrajn kollha tal-esponenti jkunu jirriflettu l-isem li hi u l-familja taghha konsistentament juzaw bhala l-isem li bih tissejjah u hi maghrufa u cioe' "Marisa" minflok l-isem "Maria Stella" li inghatat fuq dawk l-Atti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, minn issa msejjah ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-16 ta' Dicembru 2014.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata l-1 ta' Dicembru 2014 (fol 21) fejn espona bil-qima u bil-ġurament tiegħu u jiddikjara u kkonferma dan li ġej:

1 Illi *in limine litis* ukoll huwa mehtieg li ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 15 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

3. Illi fi kwalunkwe kaz u f'dan l-istadju l-esponent umilment jirrileva li d-dokumenti li gew esibiti mir-rikorrenti flimkien mar-rikors guramentat, wahidhom, m'humiex bizzejjed biex jipprovaw li l-isem tar-rikorrenti hija maghrufa bhala Marisa kif hekk jezigi l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta. Ghalhekk maghdud mal-imsemmija dokumenti r-rikorrenti trid tressaq xhieda affidabbli *viva voce* jew tipprezenta affidavits ta' familjari li ghandhom jikkonfutaw it-tezi taghha *ossia* li tul hajjitha hija kienet konsistentement imsejha bhala Marisa u mhux Maria Stella;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, sabiex tintlaqa’ it-talba numru 3 tar-rikors promotur l-attrici trid tispecifika bi precizjoni liema huma l-atti tal-istat civili li trid li jinbidlu u dan *ai termini* tal-artikolu 253(3)tal-Kap 16;

5. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-16 ta’ Dicembru 2014 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Clifton Grima ghar-rikorrenti prezenti. Deher

Dr Maurizio Cordina ghall-intimat. Dr. Grima ddikjara li m' ghandux provi ohra, u Dr. Cordina iddikjara li m' ghandux provi ohra wkoll. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Jannar 2015.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi l-attrici qed taghmel din it-talba *ai termini* tal-artikoli **253 *et sequitur*** tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja għar-reġistrazzjoni ta' l-isem jew ismijiet, liema isem jew ismijiet il-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha, u liema jkunu ddikjarati mill-qorti li huma l-isem jew l-ismijiet li bihom il-persuna kienet konsistentement imsejħa, minflok l-isem jew l-ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv .

Rat li l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament skont il-Ligi fil-11 ta' Novembru 2014 (estratt esebit a fol 17,18).

Illi l-attrici tghid li ghalkemm fuq l-Att ta' twelid taghha (**Dok.A)** inghatat l-isem "*Maria Stella"*, tul hajjitha kienet konsistentement maghrufa bl-isem "*Marisa" u* qed taghmel din il-kawza sabiex dan l-isem jigi registrat fuq l-Att tat-twelid taghha (**Dok.A).**

Illi l-intimat essenzjalment irrimetta ruhu ghad-decizjoni ta' din il-Qorti rigward il-mertu tat-talba odjerna purke' li ghandhom jitressqu xhiedha affidabbli li jikkoroboraw it-tesi attrici.

In sostenn tat-talba taghha l-attrici xehdet permezz ta' affidavit (**Dok. MXD 1)** u esebit l-affidavits ta' ommha, Josephine Demanuele (**Dok.MXD2),** u ta' binha Shaun Xerri (**Dok.MXD3).**

Fl-affidavit taghha l-attrici stqarret li ilha maghrufa bl-isem Marisa minn meta kienet ghadha tifla. Esebiet kopja tal-karta tal-identita' taghha fejn isimha hu indikat bhala Maria Stella k/a Marisa. Ommha ikkonfermat ix-xhieda ta' bintha u spjegat li kienet ix-xewqa taghha u ta' zewgha li jaghtuha l-isem Marisa izda l-Vici tal-Knisja Parrokkjali tal-Imsida, li ghammidha, "*qabad u kiteb l-isem ta' Maria Stella"* fuq ic-certifikat tal-maghmudija. Madanakollu kemm hi kif ukoll zewgha dejjem sejhulha bl-isem Marisa. Ikkonfermat ukoll li bintha hija maghrufa bl-isem Marisa ma' kulhadd. Bin l-attrici Shaun, li ghandu 26 sena, afferma li dejjem irrefera ghall-ommu meta kellu jaghti dettalji ta' isimha bhala 'Marisa'.

Illi fid-dawl ta' dawn l-affidavits din il-Qorti hija tal-fehma li l-attrici irnexxielha tipprova li hija konsistentement kienet maghrufa sa minn tfulitha bl-isem Marisa u t-talba taghha hija ghalhekk gustifikata kif trid il-Ligi.

Illi izda taqbel mal-intimat li ma jirrizultax li sar zball da parti tal-Intimat fir-registrazzjoni tal-isem fuq l-Att tat-twelid, peress li jirrizulta mill-provi li l-isem Maria Stella kien tnizzel hekk fuq ic-certifikat tal-maghmudija. Ghalhekk taqbel li l-intimat m'ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza.

L-attrici esebiet ukoll ic-certifikat tat-twelid ta' bintha Ramona (**DOK C)** u ta' binha Shaun **(DOK D)** u ic-certifikat taz-zwieg taghha **(DOK E)** b'riferenza ghat-tielet talba taghha. L-intimat eccepixxa li sabiex tirnexxi din it-talba *ai termini* tal-artikolu 253(3) tal-Kap 16, l-attrici ghandha tispecifika bi precizjoni liema huma l-atti tal-istat civili li trid li jinbidlu. Fil-kaz in ezami, l-attrici ghamlet ahjar minn hekk u esebiet kopji tac-certifikati in kwistjoni u din il-Qorti tikkonsidra li pprovdiet soddisfacjentement dak li trid il-Ligi billi jirrizultaw minn dawn id-dokumenti, n-numru tal-att u is-sena relattiva.

Fid-dawl tal-premess il-Qorti jidhrilha li ghandha tilqa' t-talbiet attrici billi huma gustifikati fis-sens fuq spjegat.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat sakemm dawn huma inkompatibbli ma' din is-sentenza, tiddisponi mit-talbiet attrici billi:

1. **Tilqa' l-ewwel talba** u tiddikjara u tiddeciedi illi l-attrici hija konsistentament imsejha u maghrufa bhala "Marisa" u mhux bhala "Maria Stella";

2. **Tilqa t-tieni talba** u tordna illi l-isem "Marisa" jigi registrat fuq l-Att tat-Twelid tal-attrici li jgib in-numru ta' iskrizzjoni hamest elef, tlett mija u

tlieta u sittin tas-sena elf, disa' mija u sittin, 5363/1960, minflok l-isem "Maria Stella" b'dana illi l-imsemmi Att jigi emendat fis-sens li fil-kolonna intestata "Isem il-Wild" jitnizzel l-isem "Marisa" minflok "Maria Stella";

3. **Tilqa' it-tielet talba** u tordna li t-tibdil fl-Att tat-twelid hekk ordnat jigi rifless fl-Att tat-Twelid ta' Ramona Xerri li jgib in-numru ta' iskrizzjoni sitt elef, mitejn u sitta u disghin tas-sena elf, disa' mija u tnejn u tmenin, 6296/1982; fl-Att tat-Twelid ta' Shaun Xerri li jgib in-numru ta' iskrizzjoni elf, sitt mija u sitta tas-sena elf, disa' mija u tmienja u tmenin, 1606/1988; u fl-Att taz-Zwieg tal-attrici li jgib in-numru ta' iskrizzjoni elf, tlett mija u disgha u tmenin tas-sena elf, disa' mija u wiehed u tmenin,1389/1981, billi ghandhom jirriflettu bhala l-isem li bih tissejjah u hi maghrufa r-rikorrenti l-isem "Marisa" minflok l-isem "Maria Stella" li inghatat fuq dawk l-Atti.

Tordna li l-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet ordnati jsiru mid-Direttur fi żmien għaxart ijiem minn dakinhar li s-sentenza tgħaddi f'ġudikat u għandha ssir bis-saħħa ta' kopja vera tas-sentenza li tingħata lilu mir-Reġistratur *ai termini* tal-**artikolu 256** tal-Kap.16.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------